MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tal-21 ta' Marzu, 2006

Talba Numru. 1975/2004

**Atlas Insurance Limited [C 15239], de proprio kif ukoll kif**
**surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Michael Attard**
**Limited**

**Vs**

**Sullivan Maritime Limited., bhala agent tas-socjeta' estera**
**Atlantica SpA di Navigazione, armatur u/jew noleggjatur tal-**
**bastiment "M.V.  Eurostar Valencia"**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li bih is-socjeta' attrici talbet li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas is-somma ta'

tlett mija u sebgha u sebghin lira Maltin u sbatax-il centezmu (Lm377.17c) u dan rapprezentanti r-rizarciment ta' danni subiti wara li l-assigurat taghha Michael Attard Limited importa ghaxar vetturi Peugeot f'Malta li waslu fil-5 ta' Dicembru, 2003 abbord il-vapur M.V. Eurostar Valencia.

Ra r-Risposta tas-socjeta' konvenuta li biha wiegbet illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghha u dan stante li s-socjeta' konvenuta m'hijiex responsabbli ghad-danni reklamati mis-socjeta' attrici minhabba li hija qdiet l-obbligi taghha kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza. Illi s-socjeta' attrici ghandha ggib prova tas-surroga moghtija favur taghha. Illi t-talba in konnessjoni mas-*survey fees* relattivi ghandha tigi michuda stante li ma tezisti ebda prova ta' l-istess. Illi inoltre u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont mitlub mis-socjeta' attrici huwa eccessiv.

Sema' x-xhieda ta' Martin Borg.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' t-trattazzjoni ta' l-avukati difensuri tal-partijiet.

**Ikkunsidra**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi l-kumpanija Michael Attard Limited kienet importat f'Malta ghaxar vetturi Peugeot. Dawn gew ittrasportati abbazi ta' polza ta' karigu li tinsab a fol 25 tal-process. Fil-polza ta' karigu m'hemm l-ebda rimarki negattivi u ghalhekk, il-*carrier*, Atlantica SpA di Navigazione, hija presunta li accettat il-vetturi minghajr l-ebda hsarat jew nuqqasijiet.
Illi meta l-bastiment wasal Malta u l-vetturi nizlu minn fuq il-vapur fil-5 ta' Dicembru, 2003, saru zewg *single tallys*, wahda da parti ta' The Cargo Handling Company Limited u l-ohra minghand is-socjeta' konvenuta.

Illi fir-rigward tat-Tally Sheet li sar minn Martin Borg li gie nkarigat mis-socjeta' konvenuta, jirrizulta illi kien hemm

zewg vetturi Peugeot, jigifieri dawk li ghandhom ix-chassis number li jispicca bin-numri 375 u 509 li kellhom *dent on bonnet*. Fit-Tally Sheet li sar minn The Cargo Handling Company Limited li huwa wkoll *single tally* hemm biss rimarka rigward il-vettura bix-chassis li jispicca bin-numru 509. Izda, fir-rigward tal-vettura li ghandha x-chassis li jispicca 0071 hemm rimarka negattiva liema rimarka ma tikkoncernax il-mertu tal-kawza odjerna.

Meta l-vetturi gew ikkonsenjati lill-importatur, huwa nduna li kien hemm iz-zewg vetturi mertu tal-kawza li kellhom il-hsarat u sar *survey* li kkostata li d-danni li gew indikati fit-Tally ta’ Martin Borg kienu wkoll ezistenti dak il-mument li sar is-*survey*.

Illi ghar-rigward taz-zewg *single* Tally Sheets it-Tribunal jirrileva illi dawn it-Tally Sheets iservu bhala prova ghal min bihsiebu jistrieh fuqhom. Huwa ovvju illi t-Tally isir fiz-zmien meta jkun hemm rilaxx ta’ pussess u konsegwenti responsabbilta’ minghand il-vapur ghal The Cargo Handling Company Limited u ghalhekk il-vapur, cjoe’ ossija r-rapprezentanti tieghu ghandhom interess partikolari biex jaccertaw illi t-Tally dak il-mument isir akkuratament kemm jista’ jkun billi dak it-Tally ser iservi lilhom bhala prova ta’ kif rilaxxaw il-vetturi lil The Cargo Handling Company Limited.

Da parti taghhom, The Cargo Handling Company Limited ukoll ghandhom interess li jaccertaw li dan it-Tally isir b’mod komplet billi jekk hemm xi hsarat li ma jigux indikati fil-Joint Tally, huma ma jkollhom l-ebda mod kif jistghu jippruvaw li l-hsarat u n-nuqqasijiet li jidhru eventwalment ma jkunux hemm minn qabel.

Illi mid-dokumenti esebiti jirrizulta illi mit-Tally li sar proprju mis-socjeta’ konvenuta, z-zewg vetturi li dwarhom l-attur qieghed jaghmel l-ilment fil-kawza odjerna jirrizultaw li kellhom il-hsarat. Fil-prospett a fol 24 tal-process, fir-rigward ta’ dawn iz-zewg vetturi, hemm aktar hsarat milli dawk inizjalment indikati fit-Tally u dawn ukoll jikkombacjaw mal-Gate Pass Out a fol 23 tal-process, fis-

sens illi f'dawn iz-zewg vetturi hemm ukoll claim ghall-*pigeon droppings* fil-vettura li tispicca bin-numru 375.

It-Tribunal ma jhossx li hemm provi bizzejjed f'dan il-process li l-*pigeon droppings* saru meta l-vetturi kienu ghadhom fir-responsabbilta' tas-socjeta' konvenuta.

Illi ghalhekk ghar-rigward tad-danni, ghalkemm it-Tribunal jidhirlu illi s-socjeta' konvenuta ghandha taghmel tajjeb ghad-danni rizultanti fil-*bonnets* taz-zewg vetturi in kwistjoni, l-quantum ghandu jigi llimitat ghal dawn id-danni u cjoe' s-somma komplessiva ta' mitejn u hmistax-il lira Maltin u sbatax-il centezmu (Lm215.17c) ghar-rigward tal-vettura li tispicca bix-chassis number 509 u ghas-somma ta' mitejn u ghoxrin lira Maltin (Lm220) ghar-rigward tal-vettura li tispicca bix-chassis number 375.

Komplessivament dawn l-ammonti jgibu aktar minn dak li huwa mitlub fil-kawza u ghalhekk it-Tribunal ma jistax imur oltre dak li qed jigi mitlub.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jiddikjara lis-socjeta' konvenuta responsabbli ghad-danni mitluba f'din il-kawza u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta sabiex thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett mija u sebgha u sebghin lira Maltin u sbatax-il centezmu (Lm377.17c) bl-interessi u bl-ispejjez kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------